# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Marzu, 2016

**Talba Nru: 538/2015/VG**

**GO p.l.c. [C-22334] f'isimha proprju u a nom u in rapprezentanza tas-socjeta Mobisle Communications Limited [C-24655] u b'digriet datat 22 ta' Jannar, 2016 l-atti tal-kawza gew assunti minn GO p.l.c. minflok is-socjeta Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Samantha BRAY [ID 65085M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-13 ta' Lulju, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' elf mija tmienja u sebghin euro u sitta u disghin centezmi ta' euro [€1,178.96c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Permezz tal-prezenti s-socjeta kummercjali GO p.l.c. (C22334) ta' Triq Fra Diegu, Marsa, li qed tidher hawnhekk f'isimha proprju kif ukoll a nom u in rapprezentanza tas-socjeta Mobisle

> Communications Limited (C24655) kif debitament awtorizzata, tinterpellak sabiex thallas is-somma ta' €1178.96 (elf mija u tmienja u sebghin Ewro u sitta u disghin centezmu), ammont dovut lill-istess socjeta mittenti pro et nomine in kwantu ghal €394.24 (tlett mija erbgha u disghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu) in konnessjoni ma Bundle Service Agreement Duo Pack (AC40233716), flimkien ma' €784.72 (seba' mija erbgha u tmenin Ewro u tnejn u sebghin centezmu) bhala bilanc rimanenti minn somma akbar in konnessjoni ma' ftehim ghal hlasijiet ratejali datat 8 t'Ottubru 2013 in konnessjoni ma' 79223051 (AC40201003), flimkien mal-ispejjez, imghaxijiet, u drittijiet legali.
>
> Illi nterpellata sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.
>
> Bl-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 727/14, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-prezenti".

Ra li l-intimata giet debitament notifikata bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li baqghet ma resqet l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' Simone Wightman, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti, li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimata.

Ra li Dr. Keith Grech ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' elf mija tmienja u sebghin euro u sitta u disghin centezmi ta' euro [€1,178.96c] ammont dovut lill-istess socjeta rikorrenti pro et nomine in kwantu ghal €394.24 (tlett mija erbgha u disghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu) in konnessjoni ma Bundle Service Agreement Duo Pack (AC40233716), flimkien ma' €784.72 (seba' mija erbgha u tmenin Ewro u tnejn u sebghin centezmu) bhala bilanc rimanenti minn somma akbar in konnessjoni ma' ftehim ghal hlasijiet ratejali datat 8 t'Ottubru 2013 in konnessjoni ma' 79223051 (AC40201003).

2. Illi b'digriet datat 22 ta' Jannar, 2016 l-atti tal-kawza gew assunti mis-socjeta GO p.l.c. minflok is-socjeta Mobisle Communications Limited (fol. 25).

   Ikkunsidra;

3. Simone Wightman, rapprezentanta tas-socjeta GO p.l.c., kkonfermat bil-gurament taghha llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimata.

   Ikkunsidra ulterjorment;

4. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

5. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

6. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

7. Fil-kaz odjern, l-intimata giet debitament notifikata bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la resqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

8. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

9. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf mija tmienja u sebghin euro u sitta u disghin centezmi ta' euro [€1,178.96c] bl-imghaxijiet kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mit-13 ta' Lulju, 2015 data tal-prezentata tat-Talba, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali numru 727/14, huma a kariku tal-intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**